**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**Vs**

**Omissis**
**Mohamed Gubgub**

Illum 7 ta' Settembru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Omissis u Mohamed A.K. Gubgub iben Abulgasim Khalifa u Alkamsa nee Aiad mwieled gewwa Tripoli fit-8 ta' Awwissu 1995 minghajr indirizz fiss. Detentur tan-numru tal-Pulizija 19226/15 talli:

Bejn is-27 ta Gunju 2016 u s-6 ta Settembru 2016 gewwa dawn il-gzejjer xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa , mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta ,Art.334 ta kap 9

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, malli saru jafu li xi haga li kienet fil-pussess taghhom kienet haga misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat , naqsu li jgharrafu lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta saru jafu hekk, Art.334A Kap.9

Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi kellhom fil-pussess taghhom il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta

u lil Omissis wahdu talli saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EC732YF ta l-ghamla Nissan Navarra minghajr ma kien kopert b'polza ta' sigurta dwar ir-riskji ghat-terzi persuni.
Art.3(1) ta' Kap.104

Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EC732YF ta l-ghamla Nissan Navarra minghajr ma' kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.
Art.15(1)(a) ta Kap.65

Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EC732YF ta l-ghamla Nissan Navarra fi triq pubblika, minghajr licenzja mahruga mill- Awtorita ta' Trasport ta ' Malta.
Art 13(1) A.L.198/09

Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi kiser il-provediment ta` l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta` Malta permezz ta` sentenza datata l-29 ta` April 2015 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

U aktar talli naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), u cioe mill-Magistrat **Dr J. Demicoli LLd.** u li permezz tieghu hija nghatat il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat Mohamed Gubgub irregistra ammissjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfjacentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta. Ghaldaqstant mhix se timponi piena karcerarja effettiva.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 279(B), 334(a) u 334(A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 8 (d), 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 4 tal-Kapitolu 537, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hmistax-il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien tlett (3) snin millum u tikkundannah ghal hlas ta' penali ta' hamsin euro(€50).

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna li kopja tal-atti u ta' din is-sentenza jintbaghtu ghand l-Avukat Generali skont il-ligi.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat